

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 407

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

15 ta' Novembru 2014

Werrej

#### I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

##### OPINJONIJIET

###### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 407/01

Opinjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2014 fuq l-abbozz ta' Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar l-istatistika tas-swieq monetarji ..... 1

#### II *Komunikazzjonijiet*

##### KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

###### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 407/02

L-inapplicabbiltà ta' dan ir-Regolament għal operazzjoni nnotifikata (Il-Każ M.7253 — Groupe Lagardère/SNCF Participations/JV) <sup>(1)</sup> ..... 3

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

## IV Informazzjoni

### INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 407/03	Rata tal-kambju tal-euro .....	4
2014/C 407/04	Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-fużjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' April 2014 fir-rigward ta' abbozz ta' deċiżjoni relatata ma' il-każ M.6905 INEOS/Solvay/JV — Relatur: L-Estonja .....	5
2014/C 407/05	Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta — INEOS/Solvay/JV (M.6905) .....	6
2014/C 407/06	Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2014 li tiddikkjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim ŻEE (Każ M.6905 — INEOS/Solvay/JV) (notifikata bin-numru tad-dokument C(2014) 2984 finali) <sup>(1)</sup> .....	8

#### **It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea**

2014/C 407/07	Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-Awli .....	14
---------------	--	----

#### **L-Aġenzja Fornitriċi tal-Euratom**

2014/C 407/08	Il-Pubblikazzjoni tal-Kotba Finali għas-sena finanzjarja 2013 .....	15
---------------	---	----

---

## V Avviżi

### PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 407/09	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (il-Każ M.7400 — Federal-Mogul Corporation/TRW Engine Components) <sup>(1)</sup> .....	16
---------------	--	----

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Novembru 2014

**fuq l-abbozz ta' Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar l-istatistika tas-swieq monetarji**

(2014/C 407/01)

**Introduzzjoni**

Fit-8 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand il-Bank Ċentrali Ewropew (il-BĊE) għal opinjoni dwar abbozz ta' Regolament ġdid dwar l-istatistika tas-swieq monetarji.

Il-Kummissjoni tilqa' din it-talba u tagħraf li b'dan, il-BĊE qed jaġixxi f'konformità mal-obbligu tiegħu li jikkonsulta lill-Kummissjoni dwar abbozzi ta' Regolamenti tal-BĊE kull meta jkollhom rabta mar-rekwiżiti statistiċi tal-Kummissjoni kif jistabbilixxi l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-BĊE<sup>(1)</sup>, ħalli tkun żgurata l-koerenza meħtieġa għall-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-informazzjoni rispettivi tal-BĊE u tal-Kummissjoni. Koperazzjoni tajba bejn il-BĊE u l-Kummissjoni hi ta' ġid għaż-żewġ istituzzjonijiet u anki għall-utenti u r-rispondenti għax tippermetti produzzjoni aktar effiċjenti tal-istatistika Ewropea. Il-Kummissjoni tagħraf ukoll li f'dan ir-Regolament qed issir referenza espliċita għall-opinjoni tagħha,

Il-Kummissjoni tilqa' l-inizjattiva tal-BĊE biex tinġabar id-dejta dwar is-swieq monetarji. Il-Kummissjoni tappoġġa kull sforz biex tiżdied it-trasparenza ta' dawn is-swieq u tagħraf il-ħtieġa tad-dejta biex jissawru valuri referenzjali affidabbli u b'bażi soda f'konformità mal-linji gwida riċenti li ħarġet l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) u l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE).

Il-merti tal-proposta huma ċari u sinifikattivi filwaqt li huma importanti għal għadd wiesa' ta' partijiet konċernati u għal bosta finijiet: analiżi tal-politika monetarja, it-tiswir ta' valuri referenzjali tar-rati tal-interess, kompiti għas-superviżjoni tal-banek, analiżi tal-politika u t-trasparenza ta' dawn is-swieq. Dawn il-koll huma meħtieġa biex is-sistema finanzjarja taħdem sew.

Il-Kummissjoni tqis importanti li kull dejta li jiġbor il-BĊE dwar is-swieq monetarji b'dan ir-Regolament tkun disponibbli għal awtoritajiet rilevanti oħra tal-Unjoni biex iwettqu dmirijiethom.

Il-ġbir tad-dejta propost se jsir mingħand istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs). Il-Kummissjoni titħasseb li mhux kull unità fil-lista ta' MFIs hi attiva fit-teħid tad-depożiti, u tisħaq li l-prinċipji tal-istatistika għandhom jiġu rrispettati.

**Kummenti dwar il-proposta leġiżlattiva u tibdil propost fiha**

Din l-inizjattiva teħtieġ ir-rappurtar ta' varjeta' ta' tranżazzjonijiet tas-swieq monetarji bħalma huma l-istrumenti ta' dejn mhux garantit, ċertu tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli għal żmien qasir (eż. ftehimiet ta' riakkwist, akkwisti bil-patt ta' rivendita) u derivati. B'hekk, permezz tar-rappurtar il-BĊE se jkun jista' jwettaq il-kompitu tiegħu li jipproduċi dejta statistika komprensiva, dettaljata u armonizzata dwar is-swieq monetarji fiż-żona tal-euro.

Din l-inizjattiva għandha x'taqsam sew ma' żewġ żviluppi leġiżlattivi ewlenin tal-UE:

— Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rappurtar u t-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFT), COM(2014) 40 final tad-29.1.2014:

(<sup>1</sup>) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

Ladarba jiġi adottat, ir-Regolament jeżiġi li l-UE kollha tirrapporta d-dettalji ta' kull tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli li ssir fi ħdanha, inkluż ftehimiet ta' riakkwist u akkwisti bil-patt ta' rivendita għal żmien qasir, lil repożitorju tat-tranżazzjonijiet. Kull bank ċentrali fl-UE kif ukoll awtoritajiet kompetenti oħra se jkollhom aċċess għad-dejta kollha meħtieġa biex jerfġu r-responsabbiltajiet tagħhom. Peress li r-rappurtar mistenni jidħol fis-seħħ wara l-2017, importanti li tiġi evitata duplikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar fuq il-parteċipanti fis-suq.

- Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontrollpartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet <sup>(1)</sup>:

Daqstant ieħor hu fundamentali li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' rekwiżiti tar-rappurtar duplikati fuq il-parteċipanti fis-suq għal tranżazzjonijiet derivati. Għaldaqstant, l-inizjattiva tal-BĊE għandha tqis id-dejta diġà disponibbli fir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet u teżiġi biss elementi tad-dejta neqsin għall-ħtiġijiet tal-produzzjoni tal-istatistika.

Filwaqt li jitqies il-bżonn li jiġu evitati obbligi tar-rappurtar duplikati u li fil-futur se jidħol fis-seħħ ir-Regolament dwar ir-rappurtar u t-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, ġie propost li l-Artikolu 11 jiġi emendat sabiex jispeċifika li wara l-ewwel revizzjoni inizjali, l-aġġornamenti għandhom ikunu aktar regolari minflok f'intervalli ta' sentejn, meta jidħlu fis-seħħ rekwiżiti tar-rappurtar simili ġodda li timponi l-liġi tal-UE. Sabiex tiġi appoġġata din l-emenda, ġie propost bl-istess mod li tiddaħħal premessa ġdida li tispeċifika li, meta d-dettalji ta' tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli jew kuntratt tad-derivati jkunu diġà ġew irrappurtati lil repożitorju tat-tranżazzjonijiet, u diment li l-BĊE ikollu aċċess effettiv għad-dettalji ta' dawn it-tranżazzjonijiet, ir-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti fir-Regolament tal-BĊE dwar l-istatistika tas-swieq monetarji jkunu meqjusa li ġew osservati.

### Konklużjoni

Ġeneralment il-Kummissjoni tappoġġa l-abbozz tar-Regolament meta dan ikun jikkontribwixxi għall-ġbir ta' statistika affidabbli tas-swieq finanzjarji fil-livell Ewropew, li jkollha importanza kbira għall-partijiet konċernati fosthom għall-Kummissjoni stess.

Madankollu l-Kummissjoni jidhrilha li l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq għandhom jiġu indirizzati.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

Marianne THYSSEN

Membri tal-Kummissjoni

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

## II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI  
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**L-inapplikabbiltà ta' dan ir-Regolament għal operazzjoni nnotifikata****(Il-Każ M.7253 — Groupe Lagardère/SNCF Participations/JV)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 407/02)

Fil-25 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-operazzjoni notifikata fil-każ ta' hawn fuq ma taqax fl-ambitu tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> billi hija ma tikkostitwixxix konċentrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament imsemmi. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bil-Frañċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32014M7253. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>****L-14 ta' Novembru 2014**

(2014/C 407/03)

**1 euro =**

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2436	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4155
JPY	Yen Ġappuniż	144,94	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,6436
DKK	Krona Daniża	7,4434	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5829
GBP	Lira Sterlina	0,79440	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6158
SEK	Krona Żvediża	9,2376	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 372,11
CHF	Frank Żvizzeru	1,2015	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	13,9236
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,6230
NOK	Krona Norveġiża	8,4530	HRK	Kuna Kroata	7,6703
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 207,35
CZK	Krona Ċeka	27,653	MYR	Ringgit Malajżjan	4,1769
HUF	Forint Ungeriż	306,12	PHP	Peso Filippin	56,010
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	58,8280
PLN	Zloty Pollakk	4,2295	THB	Baht Tajlandiż	40,865
RON	Leu Rumun	4,4275	BRL	Real Brażiljan	3,2610
TRY	Lira Turka	2,7905	MXN	Peso Messikan	16,9441
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4336	INR	Rupi Indjan	76,8735

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-fużjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' April 2014 fir-rigward ta' abbozz ta' deċiżjoni relatata ma' Il-każ M.6905 INEOS/Solvay/JV**

**Relatur: L-Estonja**

(2014/C 407/04)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni nnotifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni nnotifikata għandha dimensjoni tal-UE skont it-tifsira tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq tal-prodott u s-swieq ġeografiċi rilevanti kif iddikjarati fl-abbozz tad-deċiżjoni.
4. B'mod partikolari, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li:
  - L-S-PVC tal-materja prima, inklużi l-valuri K kollha iżda esklużi l-HIS-PVC u kopolimeri oħra, jikkostitwixxi s-suq tal-prodott rilevanti.
  - l-ambitu ġeografiku tas-suq għall-S-PVC tal-Materja Prima hija iżgħar miż-ŻEE kollha u wiesa' daqs NWE jew l-iktar l-iktar NWE +.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata mhux probabbli li twassal għal effetti orizzontali li jwasslu għal impediment sinifikanti tal-kompetizzjoni effettiva fis-swieq affettwati li ġejjin: (i) butadjen, (ii) raffinat1, (iii) klorin, (iv) soda kawstiku, (v) VCM, (vi) aċidu idrokloriku, (vii) E-PVC, (viii) kloridu metilin, (ix) kloroform.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata mhux probabbli li twassal għal effetti vertikali li jwasslu għal impediment sinifikanti tal-kompetizzjoni effettiva fis-swieq affettwati li ġejjin: (i) propilen u allil klorid, (ii) klorin u EDC, (iii) klorin u teknoloġiji tal-produzzjoni tal-klorin, (iv) klorin u electrocoating, (v) melħ u soda kawstiku, (vi) melħ u sodju ipoklorit, (vii) teknoloġiji tal-produzzjoni tal-klorin u soda kawstiku, (viii) teknoloġiji tal-produzzjoni tal-klorin u sodju ipoklorit, (ix) electrocoating u soda kawstiku, (x) electrocoating u sodju ipoklorit, (xi) teknoloġiji tal-EDC u l-EDC/VCM, (xii) EDC u VCM, (xiii) teknoloġiji VCM u EDC/VCM, (xiv) katalisti tal-EDC u EDC, (xv) E-PVC u VCM, (xvi) teknoloġiji tal-S-PVC u S-PVC, (xvii) S-PVC u addittivi tal-PVC, (xviii) E-PVC u addittivi tal-PVC, (xix) S-PVC u komposti tal-S-PVC, (xx) tetraklorid tal-karbonju u perkloroetilen, (xxi) tetraklorid tal-karbonju u HFC-365mfc.
7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata tneħħi l-aktar restrizzjoni kompetittiva sinifikanti tal-INEOS fis-suq tal-S-PVC tal-Materja Prima tal-NWE u tgħaqqad flimkien l-attivitàjiet tal-ewwel u t-tieni fornituri, u toħloq mexxej ċar tas-suq b'ishma tas-suq ta' aktar minn 50 % u distakk sinifikanti fuq fornituri S-PVC oħra.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata, kif oriġinarjament proposta mill-partijiet notifikanti, aktarx li twassal għal effetti orizzontali mhux koordinati li jxekklu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-NWE (jew fl-aħjar każ NWE+) għall-S-PVC tal-materja prima.
9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata, kif oriġinarjament proposta mill-partijiet notifikanti, aktarx li twassal għal effetti orizzontali mhux koordinati li jxekklu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-Benelux għas-sodju ipoklorit.
10. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji finali offruti mill-partijiet notifikanti fit-13 ta' April 2014 jindirizzaw it-tfassib rigward il-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni fis-swieq għall-S-PVC tal-materja prima u s-sodju ipoklorit.
11. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, bil-kundizzjoni ta' konformità sħiħa mal-impenji finali offruti mill-partijiet notifikanti fit-13 ta' April 2014, it-tranżazzjoni nnotifikata x'aktarx mhijiex se tfixkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.
12. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata trid għalhekk tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE skont l-Artikolu 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.

**Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta <sup>(1)</sup>****INEOS/Solvay/JV****(M.6905)**

(2014/C 407/05)

**1. PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

1. Fis-16 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea (il-"Kummissjoni") rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> li permezz tagħha INEOS AG ("INEOS") u Solvay SA ("Solvay"), konguntemment imsejħa "l-Partijiet Notifikanti", jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll konġunt ta' impriża konġunta stabbilita riċentement permezz ta' trasferiment ta' assi (it-"Tranżazzjoni").
2. Abbażi tar-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq tal-Fażi I, il-Kummissjoni qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tat-Tranżazzjoni mas-suq intern u adottat deċiżjoni biex tibda proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet fil-5 ta' Novembru 2013. Il-Partijiet Notifikanti sottomettew il-kummenti tagħhom bil-miktub dwar id-deċiżjoni tal-Artikolu 6(1)(c) fit-22 ta' Novembru 2013.

**A. Dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet**

3. Fil-21 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ("DO"), fejn hija kienet tal-fehma preliminari li t-Tranżazzjoni se timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva f'parti sostanzjali tas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.
4. Il-Partijiet Notifikanti ngħataw sal-5 ta' Frar 2014 biex iwiegħbu għad-DO. It-tweġiba bil-miktub tagħhom ġiet ippreżentata f'din id-data.

**B. Aċċess għall-fajl**

5. Il-Partijiet Notifikanti rċewew aċċess għall-fajl matul il-proċedura, b'mod partikolari permezz ta' CD-ROM fit-23 ta' Jannar 2014 u fil-21 ta' Marzu 2014 kif ukoll permezz tal-posta elettronika fl-10 ta' April 2014.
6. Fil-31 ta' Jannar 2014 u fl-20 ta' Marzu 2014, il-Partijiet Notifikanti ressqu talbiet formali lit-tim tal-każ għal aċċess ulterjuri għall-fajl skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Għaqdiet <sup>(3)</sup> u l-Artikolu 3(7) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE. It-tim tal-każ ittratta dawn it-talbiet u ta lill-Partijiet Notifikanti aċċess ulterjuri għall-fajl.

**C. Ittra bil-Fatti**

7. Fil-5 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni bagħtet ittra bil-fatti ("IbF") lill-Partijiet Notifikanti li tinfirmahom dwar evidenza ulterjuri li l-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tibbaża fuqha fil-proċedimenti. Il-Partijiet Notifikanti wiegħbu għal din l-IbF fit-12 ta' Frar 2014.

**D. Persuni terzi interessati**

8. Skont l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, jiena aċċettajt kompetitur wieħed mill-Partijiet Notifikanti <sup>(4)</sup> u tliet assoċjazzjonijiet <sup>(5)</sup> li jirrappreżentaw parti mill-bażi ta' klijentela tagħhom għall-proċedimenti bħala persuni terzi interessati. Jien infurmajt ukoll il-Partijiet Notifikanti bl-identitajiet tal-persuni terzi interessati li għandhom jinstemgħu.

<sup>(1)</sup> Skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29) ("id-Deċiżjoni 2011/695/UE").

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 133, 30.4.2004, p. 1) ("ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Għaqdiet").

<sup>(4)</sup> KEM ONE SAS.

<sup>(5)</sup> The European Plastic Pipes and Fittings Association ("TEPPFA"), EuPC INPA ("EuPC") li jirrappreżentaw il-konverturi tal-plastik Ewropej, kif ukoll European PVC Profiles u Related Building Products Association EPPA ivzw ("EPPA").



## 2. IL-PROCĊEDURA ORALI

9. Fl-10 ta' Frar 2014, seħħet seduta orali formali fuq talba tal-Partijiet Notifikanti. Għas-seduta orali attendew: il-Partijiet Notifikanti u l-konsulenti legali u ekonomiċi tagħhom; EuPC fil-kapaċità tagħha hija persuna terza interessata <sup>(1)</sup>; is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni; u rappreżentanti mill-awtoritajiet kompetenti ta' sitt Stati Membri (il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Ungerija, il-Finlandja u r-Renju Unit).
10. Saru tliet sessjonijiet magħluqa waqt is-seduta orali <sup>(2)</sup>. L-ewwel waħda rriżultat minn talba mingħand il-Partijiet Notifikanti abbażi tal-interess leġittimu tagħhom fil-protezzjoni tas-sigrietu kummerċjali tagħhom u informazzjoni kunfidenzjali oħra. It-tnejn l-oħra seħħew fil-kuntest ta' sessjonijiet ta' mistoqsija u tweġiba.

## 3. PROCĊEDURA WARA S-SEDUTA ORALI FORMALI

### A. Rimedji

11. Fis-27 ta' Frar 2014, il-Partijiet Notifikanti ressqu l-ewwel sett ta' impenji skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li ġie sostitwit b'sett rivedut ta' impenji fis-7 ta' Marzu 2014. Dan is-sett ġdid ta' impenji reġa' ġie rivedut fl-10 u l-11 ta' Marzu 2014 bil-proposta ta' tliet pakketti alternattivi. Fit-12 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni għamlet ittestjar għas-suq fuq tnejn mit-tliet pakketti alternattivi ppreżentati. Fit-13 ta' April 2014, il-Partijiet Notifikanti ressqu sett finali ta' impenji riveduti. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impenji ppreżentati fit-13 ta' April 2014 huma adattati biex ineħħu t-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikati fir-rigward tat-Tranżazzjoni.

### B. Persuni terzi interessati

12. Ċerti trejdnjins <sup>(3)</sup>, fil-kapaċità ta' rappreżentanti tal-impjegati bbażati fl-operazzjonijiet ta' Tessenderlo ta' INEOS, talbu li jinstemgħu fir-rigward tar-rimedji proposti. Skont l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, jiena aċċettajt dawn il-junjins - li jaġixxu f'dik il-kapaċità - fil-proċedimenti bħala persuni terzi interessati. Jien infurmajt lill-Partijiet Notifikanti b'dan.

### C. L-abbozz ta' deċiżjoni

13. Skont l-Artikolu 16(1) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, jien għamilt rieżami tal-abbozz tad-deċiżjoni u nikkonkludi li jittratta biss oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-Partijiet Notifikanti ngħataw l-oppurtunità li jgħarrfu l-fehmiet tagħhom.

## 4. KONKLUŻJONI

14. Nikkonkludi li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet kollha f'dan il-każ ġie rrispettat.

Brussell, id-29 ta' April 2014.

Joos STRAGIER

<sup>(1)</sup> Il-persuni terzi interessati l-oħra ma talbux li jieħdu sehem fis-seduta orali.

<sup>(2)</sup> Ara l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE.

<sup>(3)</sup> Dawn il-junjins huma: (1) ABVV Algemeen Belgisch Vakverbond; (2) ACLVB Liberale Vakbond; (3) ACV bouw – industrie & energie;

(4) BBTK Bond van bedienden, technici en kaderleden; u (5) LBC-NVK vakbond voor bedienden en kaderpersoneel.

**SOMMARJU TAD-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-8 ta' Mejju 2014****li tiddikkjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim ŻEE****(Każ M.6905 — INEOS/Solvay/JV)**

(notifikata bin-numru tad-dokument C(2014) 2984 finali)

**(il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 407/06)

Fit-8 ta' Mejju 2014 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' fużjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa, li tista' tkun verżjoni provviżorja, tista' tinstab fil-lingwa awtentika tal-każ fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġejj: [http://ec.europa.eu/comm/competition/index\\_en.html](http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html)

**I. INTRODUZZJONI**

1. Fis-16 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea (il-"Kummissjoni") rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet") <sup>(2)</sup> li permezz tagħha INEOS AG ("INEOS", l-Isvizzera) u Solvay SA ("Solvay", il-Belġju), konguntemment imsejħa "l-Partijiet Notifikanti", jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll konġunt ta' impriża konġunta stabbilita riċentement permezz ta' trasferiment ta' assi <sup>(3)</sup>.

**II. IL-PARTIJET U L-OPERAZZJONI**

2. INEOS hija l-kumpanija prinċipali ta' grupp ta' kumpaniji li huma attivi fil-manifattura ta' petrokimiċi, kimiċi speċjali u prodotti miż-żejt. Is-sussidjarja tagħha, INEOS ChlorVinyls, hija produttur Ewropew ta' prodotti tal-klor-alkali u fornitur ta' klorur tal-polivinil ("PVC").
3. Solvay hi l-kumpanija prinċipali ta' grupp ta' kumpaniji li huma attivi internazzjonalment fir-riċerka, l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' kimiċi u plastik. SolVin hi fornitur Ewropew ta' raża tal-PVC, ikkontrollata minn Solvay b'75 % (nieqes sehem wieħed), filwaqt li l-25 % l-oħra (u sehem wieħed) huma kkontrollati minn BASF. Minn hawn 'il quddiem, it-termini Solvay u SolVin huma użati biex jidentifikaw l-istess entità ta' grupp.
4. Fis-6 ta' Mejju 2013, il-Partijiet Notifikanti ffirmaw Ittra ta' Intenzjoni ("LoI") bil-ħsieb li jinġabru flimkien l-attivita- jiet Ewropej tal-chlorvinyls tagħhom u negozji relatati f'impriża konġunta, fejn kull waħda minnhom se jkollha sehem ta' 50 % tal-ishma (it-"Tranżazzjoni"). Il-LoI jipprovd i mekkaniżmi ta' ċessjoni li bihom INEOS takkwista l-interess ta' 50 % li għandha Solvay fl-impriża konġunta: l-arranġamenti ta' ċessjoni jkunu jridu jitħaddmu f'bejn tliet u sitt snin minn meta tiġi fformata l-impriża konġunta, meta mbagħad INEOS ssir is-sid uniku tan-negozju. Fi kwalunkwe każ, wara s-sitt anniversarju tal-impriża konġunta, INEOS se ssir is-sid uniku tal-impriża konġunta. It-Tranżazzjoni kienet imħabbra pubblikament fis-7 ta' Mejju 2013.
5. Il-Kummissjoni tqis li, skont it-termini tal-LoI, it-Tranżazzjoni tikkostitwixxi konċentrazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u dan ikun ifisser impriża konġunta totalment funzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

**III. ID-DIMENSJONI TAL-UE**

6. L-impriża kkonċernata flimkien kellhom fatturat dinji aggregat ta' iktar minn EUR 5 000 miljun fl-2011. Kull wieħed minnhom għandu fatturat fl-UE ta'aktar minn EUR 250 miljun u ma jilhqax aktar minn żewġ terzi tal-fatturat aggregat tagħhom fl-UE kollha fi Stat Membru wieħed biss. It-tranżazzjoni għalhekk għandha dimensjoni tal-UE.

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") introduċa ċerti bidliet, bħas-sostitut- zjoni tat-terminu "Komunità" bit-terminu "Unjoni" u t-terminu "suq komuni" bit-terminu "suq intern". It-terminoloġija tat-Trattat se tin- tuża f'dan is-sommarju tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

<sup>(3)</sup> Pubblikazzjoni fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea Nru C 273, 21.9.2013, p. 18.

#### IV. IL-PROCĊEDURA

7. Abbażi tal-eżitu tal-investigazzjoni tas-suq fl-ewwel fażi, il-Kummissjoni qajjmet dubji serji fir-rigward tal-kompatibilità tat-Tranżazzjoni mas-suq intern u fil-5 ta' Novembru 2013 adottat deċiżjoni biex tibda proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Il-Partijiet Notifikanti sottomettew il-kummenti tagħhom bil-miktub dwar id-deċiżjoni tal-Artikolu 6(1)(c) fit-22 ta' Novembru 2013.
8. Fit-18 ta' Novembru 2013, fuq talba tal-Partijiet Notifikanti, il-limitu ta' żmien għall-adozzjoni ta' deċiżjoni finali f'dan il-każ kienet estiża b'10 ijiem ta' xogħol.
9. Fil-21 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ("DO"). Sussegwentement ingħata aċċess għall-fajl. Il-Partijiet Notifikanti wiegħbu għad-DO fil-5 ta' Frar 2014.
10. Intbagħtet Ittra tal-Fatti lill-Partijiet Notifikanti fil-5 ta' Frar 2014. Il-Partijiet Notifikanti wiegħbu għall-Ittra tal-Fatti fit-12 ta' Frar 2014.
11. Fuq talba tal-Partijiet Notifikanti fil-10 ta' Frar 2014 saret Seduta Orali.
12. Fit-13 ta' Frar 2014, bil-qbil tal-Partijiet Notifikanti, il-Kummissjoni estendiet l-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni finali b'10 ijiem ta' xogħol.
13. Fis-27 ta' Frar 2014 ("l-Impenji tas-27 ta' Frar 2014"), il-Partijiet Notifikanti ressqu l-ewwel sett ta' rimedji. Dawn l-impenji ma kinux soġġetti għal test tas-suq u ġew sostitwiti b'sett rivedut ta' impenji ppreżentat fis-7 ta' Marzu 2014, li attiva estensjoni awtomatika tal-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni finali f'dan il-każ ta' 15-il jum ta' xogħol oħra. Dawn ir-rimedji ġew sussegwentement modifikati fl-10 u l-11 ta' Marzu 2014 (l-"Impenji tal-11 ta' Marzu 2014").
14. Fit-12 ta' Marzu 2014 tnedja test tas-suq biex jivvaluta jekk ir-rimedji modifikati jkunux adattati biex jindirizzaw it-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni.
15. Fit-13 ta' April 2014, il-Partijiet Notifikanti ressqu sett finali ta' impenji riveduti, b'aktar titjib.
16. Il-Kumitat Konsultattiv iddiskuta l-abbozz tad-Deċiżjoni fit-22 ta' April 2014 u ħareġ opinjoni favorevoli.


#### V. VALUTAZZJONI

17. Il-każ jikkonċerna għadd sostanzjali ta' swieq b'rabta mal-produzzjoni tal-PVC<sup>(1)</sup>. Il-produzzjoni tal-PVC hija katina integrata ta' proċessi, fejn l-inputs ewlenin huma l-klorin u l-etilen, kif deskritt fid-dijagramma ta' hawn taħt.

(1) Il-PVC huwa manifatturat f'diversi stadji li jinvolvu diversi prodotti intermedji. Barra minn hekk, il-produzzjoni tal-PVC hija marbuta mill-qrib ma' dik tas-soda kawstika.

Dijagramma 1

## Ħarsa ġenerali lejn Proċessi u Prodotti Intermedjarji involuti fil-Produzzjoni tal-PVC



Sors: Formola CO

18. It-Tranżazzjoni tagħti lok għal impatt orizzontali fuq dawn is-swieq: (i) PVC f'sospensjoni ("S-PVC"), (ii) ipoklorit tas-sodju, (iii) butadjen, (iv) raffinat<sup>1</sup>, (v) kloru, (vi) soda kawstika likwida, (vii) Monomer tal-Klorur tal-Vinil ("VCM"), (viii) aċidu idrokloriku, (ix) PVC f'emulsjoni ("E-PVC"), (x) klorur tal-metilin, (xi) kloroform. Din tirriżulta wkoll f'duplikazzjoni orizzontali tal-etilen, il-gażolina ta' piroliżi, il-propilen, il-butadjen, id-diklorat tal-etilene ("EDC"), u fil-komposti tal-S-PVC.
19. It-Tranżazzjoni tagħti lok ukoll għal għadd ta-swieq affettwati vertikament: (i) propilen u allil klorid, (ii) klorin u EDC, (iii) klorin u teknoloġiji tal-produzzjoni tal-klorin, (iv) klorin u electrocoating, (v) melħ u soda kawstika, (vi) melħ u sodju ipoklorit, (vii) teknoloġiji tal-produzzjoni tal-klorin u soda kawstika, (viii) teknoloġiji tal-produzzjoni tal-klorin u sodju ipoklorit, (ix) electrocoating u soda kawstika, (x) *electrocoating* u sodju ipoklorit, (xi) teknoloġiji tal-EDC u l-EDC/VCM, (xii) EDC u VCM, (xiii) teknoloġiji VCM u EDC/VCM, (xiv) katalisti tal-EDC u EDC, (xv) E-PVC u VCM, (xvi) S-PVC u teknoloġiji tal-S-PVC, (xvii) S-PVC u addittivi tal-PVC, (xviii) E-PVC u addittivi tal-PVC, (xix) S-PVC u komposti tal-S-PVC, (xx) tetraklorid tal-karbonju u perkloroetilen, (xxi) tetraklorid tal-karbonju u HFC-365mfc.
20. Il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni tagħti lok għal tħassib dwar il-kompetizzjoni fir-rigward duplikazzjoni orizzontali rigward is-swieq tal-S-PVC u tal-ipoklorit tas-sodju. Il-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni rigward il-bqija swieq affettwati. Għalhekk dawn is-swieq l-oħra mhumiex se jiġu diskussi f'dan is-sommarju<sup>(1)</sup>.

### 1. Definizzjoni tas-suq tal-prodott

21. L-S-PVC jintuża għal applikazzjonijiet aħħarija kemm riġidi (mhux plastiċizzati) kif ukoll flessibbli (plastiċizzati). L-applikazzjonijiet jinkludu pajpijiet, finituri ffurmati, u profili (jiġifieri frejms tat-twieqi u tal-bibien). L-applikazzjonijiet jinkludu films u folji ta' iżolament għall-wajers u l-kejbils. L-S-PVC għandu ħafna applikazzjonijiet oħra bħall-manifattura ta' flieksen.
22. Il-Kummissjoni tikkonkludi li s-suq tal-prodott rilevanti għall-valutazzjoni tal-effetti tat-Tranżazzjoni jkun is-suq ġenerali għall-produzzjoni u l-provvista tal-S-PVC bażiku, inklużi l-valuri K kollha, esklużi l-kopolimeri b'mod ġenerali kif ukoll S-PVC Reżistenti. Madankollu jitqiesu xi fatturi li jiddifferenzjaw bejn il-gradi differenti tal-S-PVC bażiku, - fejn rilevanti - għall-iskopijiet tal-valutazzjoni kompetittiva. Barra minn hekk, minħabba l-kunsiderazzjonijiet mill-aspett tal-provvista, fil-kalkolu tal-ishma tas-suq ibbażat fuq il-kapaċità, il-Kummissjoni tikkunsidra l-kapaċità u l-inċentiv ta' kull fornitur tal-PVC li jiskjera mill-ġdid il-kapaċità li qabel kienet tintuża għal tipi oħra ta' S-PVC għall-produzzjoni tal-S-PVC bażiku.
23. L-Ipoklorit tas-sodju jintuża b'saħħiet differenti għal diversi applikazzjonijiet. Huwa jintuża bħala diżinfettant u bħala aġent tal-ibbliċjar fl-applikazzjonijiet domestiċi u industrijali u għat-trattament tal-ilma. Il-biċċa l-kbira tal-produzzjoni ta' ipoklorit tas-sodju fiż-ŻEE huwa prodott sekondarju inevitabbli fil-produzzjoni tal-kloru (ipoklorit tas-sodju "spontaju"). Meta d-domanda taqbeż il-volum "spontanju" prodott bħala prodott sekondarju tal-proċess ta' produzzjoni, jista' jiġi wkoll prodott intenzjonalment l-ipoklorit tas-sodju (ipoklorit tas-sodju "volontarju").
24. Il-Kummissjoni tikkunsidra, b'konformità mal-preċedenti tagħha, li l-ipoklorit tas-sodju jikkostitwixxi suq ta' prodott uniku.

### 2. Definizzjoni tas-suq ġeografiku

25. Rigward is-suq għall-S PVC bażiku, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ambitu ġeografiku tas-suq huwa reġjonali u iktar ristrett miż-ŻEE kollha kemm hi. Provi kwalitattivi u kwantitattivi fil-fajl tal-Kummissjoni jindikaw il-Majjistral tal-Ewropa (North Western Europe - "NWE"), reġjun li jinkludi l-Belġju, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Isvezja, in-Norveġja u r-Renju Unit, bħala raggruppament awtonomu, fejn il-kundizzjonijiet kompetittivi huma omoġeni. Madankollu, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ma hemmx għalfejn wieħed jaasal għal opinjoni definittiva dwar jekk dan is-suq reġjonali jinkludix biss in-NWE jew jestensjoni għal żona ġeografika aktar wiesgħa (l-hekk imsejjaħ raggruppament "NWE +", jiġifieri n-NWE u l-Awstrija, il-Finlandja, l-Italja u l-Isvizzera), minħabba li t-Tranżazzjoni tirriżulta f'impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva taħt iż-żewġ delineazzjonijiet tas-suq.
26. Fir-rigward tas-suq għall-ipoklorit tas-sodju, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet fir-reġjun tal-Benelux u n-nuqqas ta' ostakoli sinifikanti għall-kummerċ, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-suq ġeografiku rilevanti għall-ipoklorit tas-sodju jista' f'dan il-każ jiġi kkunsidrat bħala reġjonali, li jinkludi r-reġjun tal-Benelux kollu.

<sup>(1)</sup> Ara t-taqsimiet 7 u 9 tad-Deċiżjoni.

### 3. Valutazzjoni kompetittiva

27. Fir-rigward tal-S-PVC bażiku, INEOS u Solvay huma rispettivament l-akbar u t-tieni l-akbar fornituri fin-NWE. Fl-2012 is-sehem mis-suq tal-INEOS ibbażat fuq il-bejgħ u l-kapaċità kien ta' [30-40] % filwaqt li s-sehem mis-suq ta' Solvay fl-istess sena kien ta' bejn wiehied u ieħor [20-30] %. Għal NWE kif ukoll għal NWE + it-Tranżazzjoni tirriżulta fil-ħolqien ta' mexxej tas-suq mingħajr kontestazzjoni b'ishma tas-suq ta' [50-60] % taħt kull forma ta' kejl (tal-bejgħ u tal-kapaċitajiet).
28. Il-Kummissjoni sabet ukoll provi kwalitattivi u kwantitattivi li jindikaw li l-pożizzjoni attwali ta' INEOS fis-suq tan-NWE/NWE + tista' tippermettilha teżerċita ċertu livell ta' setgħa fis-suq. B'mod aktar preċiż, INEOS bħalissa għandha pożizzjoni b'saħħitha fis-suq tal-S-PVC bażiku, li parzjalment hi r-riżultat ta' żewġ fużjonijiet preċedenti approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien. Il-Kummissjoni sabet evidenza li l-akkwist ta' Tessenderlo minn INEOS wasslet għal żieda fil-prezz [0 sa 10 %] fin-NWE.
29. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li Solvin hija l-aktar restrizzjoni kompetittiva sinifikattiva ta' INEOS u li l-bqija tal-fornituri tal-S-PVC bażiku li jinsabu f'NWE u l-fornituri taż-ŻEE li jinsabu barra minn dan ir-reġjun ma għandhomx l-inċentiva, anki jekk jitqiesu kollettivament, biex jespandu l-produzzjoni tagħhom biżżejjed biex tik-kumpensa għaż-żieda fil-prezz mill-impriża konġunta. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet attwalment ma għandhomx rwol importanti fis-suq tal-S-PVC bażiku u x'aktarx li fil-futur qrib mhumiex se jiżiedu sa tali punt li jillimitaw l-imġiba ta' INEOS/Solvay bħala impriża konġunta wara t-tranżazzjoni.
30. Fl-aħħar nett, abbażi ta' analiżi ekonomika mwettqa matul il-Fażi II, il-Kummissjoni qieset li l-kosteffiċjenzi varjabbli kif iddikjarat mill-Partijiet Notifikanti ma jissodisfawx it-tliet kriterji kumulattivi stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Għaqdiet Orizzontali<sup>(1)</sup>.
31. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Tranżazzjoni x'aktarx li tikkonsolida l-livell tas-setgħa fis-suq li għandha INEOS u twassal għall-impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva permezz ta' effetti mhux koordinati li jirriżultaw fil-ħolqien ta' attur dominanti li ser ikun jista' u x'aktarx li jkollu inċentiv biex iżid il-prezzijiet u jnaqqas il-produzzjoni fis-suq tal-S-PVC bażiku, kemm jekk dan huwa ddefinit bħala li jiġbor fih in-NWE jew in-NWE+.
32. Fir-rigward tal-ipoklorit tas-sodju, it-Tranżazzjoni tgħaqqad l-ewwel u t-tieni fornituri fir-reġjun tal-Benelux u toħloq mexxej ċar fis-suq, b'seħem tas-suq kombinat ta' [60-70] %. B'riżultat ta' dan, kwalunkwe kompetizzjoni bejn dawn iż-żewġ atturi importanti fis-suq mhux ser tibqa' teżisti. Jibqa' biss attur sinifikanti wieħed, Akzo, b'[20-30] %.
33. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Tranżazzjoni ser twassal għall-impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva permezz tal-ħolqien ta' attur dominanti li ser ikun jista' u x'aktarx ikollu l-inċentiva biex jimponi prezzijiet ogħla u jnaqqas il-produzzjoni fis-suq tal-ipoklorit tas-sodju fil-Benelux.

### 4. Konklużjoni

34. Id-deċiżjoni tal-Artikolu 8, għalhekk, tikkonkludi li t-Tranżazzjoni ser timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern bħala riżultat tal-effetti mhux koordinati orizzontali tagħha fis-swieq għall-S-PVC bażiku fin-NWE/NWE+ u fis-suq tal-ipoklorit tas-sodju fil-Benelux.

## VI. IMPENJI

### 1. Deskrizzjoni tal-Impenji

35. L-Impenji li nżammu finalment kienu daww ppreżentati mill-Partijiet fil-11 ta' Marzu, kif riveduti fit-13 ta' April 2014.
36. Dawn l-Impenji jikkonsistu fiċ-ċessjoni lil xerrej bil-quddiem ta' (i) il-katina vertikalmment integrata tal-PVC ta' INEOS li tikkonsisti f'kamra ċellulari għall-elettroliżi tal-membrana, l-impjant EDC/VCM u l-assi tal-produzzjoni relatati (inklużi l-assi tal-produzzjoni tal-ipoklorit tas-sodju) operati minn INEOS f'Tessenderlo, il-Belġju (iżda jeskludu l-karma ċellulari li tinsab fuq il-post għall-elettroliżi tal-merkurju u l-assi ta' produzzjoni assoċjati tal-klorur tal-potassju kawstiku) u l-impjanti S-PVC ta' INEOS f'Mazingarbe (Franza) u Beek Geleen (il-Pajjiżi l-Baxxi) (il-"pak-kett LVM") kif ukoll; (ii) il-katina vertikalmment integrata tal-PVC ta' INEOS li tikkonsisti assi tal-kloru u tal-EDC f'Run-corn (ir-Renju Unit) u l-operazzjonijiet VCM/S-PVC f'Wilhelmshaven (il-Ġermanja) (il-"Pakkett Wilhelmshaven/Run-corn").

<sup>(1)</sup> Il-Partijiet Notifikanti ressqu mudell ekonomiku ta' valutazzjoni tal-effetti tat-Tranżazzjoni li tinkludi l-effiċjenzi dikjarati. Il-Kummissjoni tinnotta li, anke jekk tirrifletti d-dikjarazzjonijiet attwali tal-Partijiet Notifikanti ta' żieda fl-effiċjenza fir-riżultati tal-immudellar, it-Tranżazzjoni xorta waħda tirriżulta f'effetti tal-prezzijiet ta' skala sinifikanti.

37. Dawn l-Impenji jneħħu d-duplikazzjoni kważi għal kollox f'termini ta' kapaċità installata tal-S-PVC. Barra minn hekk, it-tliet impjanti tal-S-PVC offruti jinsabu lokalizzati tajjeb fin-NWE. L-inklużjoni ta' assi *upstream* b'aċċess tajjeb għal *inputs* ewlenin hija konsistenti mar-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq u t-test tas-suq li turi li l-integrazzjoni vertikali u l-forniment tal-etilen huma fundamentali biex jikkompetu b'mod effettiv fis-suq tal-S-PVC bażiku. Dawn l-Impenji ukoll ineħħu d-duplikazzjoni kollha fis-suq tal-ipoklorit tas-sodju fil-Benelux.
38. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq u b'kunsiderazzjoni għall-klawsola tax-xerrej bil-quddiem, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Impenji ppreżentati fil-11 ta' Marzu, kif riveduti fit-13 ta' April 2014, kienu biżżejjed biex ineħħu t-tħassib dwar il-kompetizzjoni imqajma mit-Tranżazzjoni.

#### VII. KONKLUŻJONI U PROPOSTA

39. Id-deċiżjoni dwar l-Artikolu 8(2) tikkonkludi li, suġġett għall-konformità sħiħa mal-impjenji tal-11 ta' Marzu 2014, it-Tranżazzjoni mhux se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddikjarat li t-Tranżazzjoni hija kompatibbli mas-suq intern u l-Ftehim taż-ŻEE, skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.
-

# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA

## **Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-Awli**

(2014/C 407/07)

Fl-1 ta' Ottubru 2014, skont l-Artikolu 4 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u skont ir-Regoli tal-Proċedura tagħha, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li jassenja, mill-preżentata tar-rikors, il-kawżi alternattivament lill-Ewwel Awla, lit-Tieni Awla u lit-Tielet Awla skont l-ordni li fihom jiġu rreġistrati fir-reġistru, bla ħsara għar-rinviji lis-seduta plenarja jew lil Imħallef uniku.

Il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jista' jidderoga mir-regoli ta' assenjazzjoni msemmija iktar 'il fuq għal raġunijiet ta' konnessjoni, kif ukoll sabiex jiġi żgurat xogħol ibbilanċjat u koerenti fi ħdan it-Tribunal.

---



# L-AĠENZIJA FORNITRIĊI TAL-EURATOM

## **Il-Pubblikazzjoni tal-Kotba Finali għas-sena finanzjarja 2013**

(2014/C 407/08)

Il-verżjoni kompluta tal-kotba finali tista' ssibha f'dan l-indirizz:

<http://ec.europa.eu/euratom/accounts.html>

---

## V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7400 — Federal-Mogul Corporation/TRW Engine Components)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 407/09)

1. Fl-10 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha Federal-Mogul Corporation ("FDML", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tan-negozju fil-komponenti tal-valvijiet tal-magni ta' TRW Automotive Inc. ("TEC", l-Istati Uniti tal-Amerika), permezz tax-xiri tal-ishma u tal-assi.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal FDML: hija kumpanija internazzjonali li tiżviluppa, timmanifattura u tbigħ il-komponenti tal-magni, tat-trasmissjoni u tad-driveline kif ukoll materjal ta' frizzjoni tal-brejk, ix-xażi, prodotti tal-issiġillar u tal-wiper għall-karozzi, il-ferroviji u applikazzjonijiet oħra. FDML tqassam, tikkummerċjalizza u tbigħ ukoll fluwidi tal-brejkijiet u hardwer (pereż. diski), ix-xażi, komponenti tal-issiġillar u tal-magni kif ukoll tagħmir aċċillari,
  - għal TEC: hija attiva mad-dinja kollha fin-negozju tal-komponenti tal-magni li jirrigwardaw id-disinn, l-iżvilupp, is-simulazzjoni, l-ittestjar, il-manifattura u l-bejgħ ta' valvijiet tal-magni, komponenti tal-valvi tal-ferroviji, rotaturi tal-valvijiet, ritenituri, tappets u muntaġġi ta' rocker arm, f'kull każ għall-industrija tal-karozzi jew applikazzjonijiet ta' magni heavy duty.
3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni Ewropea.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard minn għaxart ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301) jew permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7400 — Federal-Mogul Corporation/TRW Engine Components, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").



ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT